

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2056**tat-13 ta' Novembru 2015****li temenda d-Deċiżjonijiet 2009/300/KE, 2009/563/KE, 2009/894/KE, 2011/330/UE u 2011/337/UE biex tittawwal il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal ċerti prodotti***(notifikata bid-dokument C(2015) 7781)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3)(c) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Bord tal-Unjoni Ewropea għat-Tikkettar Ekoloġiku,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/300/KE ⁽²⁾ tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2015.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/563/KE ⁽³⁾ tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2015.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/894/KE ⁽⁴⁾ tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2015.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/330/UE ⁽⁵⁾ tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2015.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/337/UE ⁽⁶⁾ tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2015.
- (6) Twettqet valutazzjoni li tikkonferma r-rilevanza u l-adegwatezza tal-kriterji ekoloġiċi attwali, kif ukoll tar-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, stabbiliti bid-Deċiżjonijiet 2009/300/KE, 2009/563/KE, 2009/894/KE, 2011/330/UE u 2011/337/UE. Billi għadha għaddeja reviżjoni tal-kriterji ekoloġiċi attwali u tar-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika relatati stabbiliti f'dawk id-Deċiżjonijiet, jixraq li l-perjodi ta' validità ta' dawk il-kriterji ekoloġiċi u tar-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika jittawlu sal-31 ta' Diċembru 2016.
- (7) Għaldaqstant, id-Deċiżjonijiet 2009/300/KE, 2009/563/KE, 2009/894/KE, 2011/330/UE u 2011/337/UE għandhom jiġu emendati skont dan.
- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/300/KE jinbidel b'li ġej:

"Artikolu 3

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'televiżjonijiet', u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika relatati, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2016."

⁽¹⁾ ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/300/KE tat-12 ta' Marzu 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi riveduti għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja lit-televiżjonijiet (ĠU L 82, 28.3.2009, p. 3).⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/563/KE tad-9 ta' Lulju 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lix-xedd tas-saqajn (ĠU L 196, 28.7.2009, p. 27).⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/894/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja għal għamara tal-injam (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 23).⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/330/UE tas-6 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-Kompjuters Notebook (ĠU L 148, 7.6.2011, p. 5).⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/337/UE tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-Kompjuters Personali (ĠU L 151, 10.6.2011, p. 5).

Artikolu 2

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/563/KE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 3

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'xedd tas-saqajn', u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2016.”

Artikolu 3

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/894/KE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 3

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'għamara tal-injam', u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2016.”

Artikolu 4

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2011/330/UE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 3

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'kompjuters notebook', kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2016.”

Artikolu 5

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/337/UE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti 'kompjuters personali', kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2016.”

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni
